VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,691, 6 ta' Diċembru, 2016
Taqsima B

A.L. 408 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi - A.L. 344 tal-2016)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4(3) u 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel il-korrezzjoni li ġejja:

Korrezzjoni tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi. A.L. 344 tal-2016.

1. Fir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativ, għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tiegħu għandha tiżdied il-kelma "primarji" bejn il-kelma 'koperativi' u l-kelma 'eliġibbli' fil-ħames linja;

(b) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (3) tiegħu wara l-kelma 'tagħha' u qabel il-kelma 'm'għandhiex' għandhom jiżdiedu l-kliem "u mhix konformi mar-regolament 14 kollu"; u

(ċ) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (4) tiegħu l-kliem "minn fost uffiċjali pubbliċi" għandhom jitħassru.

Korrezzjoni tar-regolament 6 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi. A.L. 344 tal-2016.

2. Fir-regolament 6 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativ, għandhom isiru l-korrezzjonijiet li ġejjin:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu l-kelma "disa'" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "sitta'"; u

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subregolament (3) il-kelma "in" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "on".

Korrezzjoni tar-regolament 14 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi. A.L. 344 tal-2016.

3. Fil-paragrafu (ċ) tar-regolament 14 tar-Regolamenti tal-2016 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativ għandha ssir il-korrezzjoni jiġifieri bejn il-kelma 'serjament' u l-kelma 'kwalifikati' għandhom jiżdiedu l-kliem "modifikati jew".

Bidu fis-seħħ.

4. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-21 ta' Ottubru 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha titqies li ġiet fis-seħħ.